# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Dicembru 2017**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Guramentat Numru : 922/2017/LSO**

**Hussein Suleymann (ID 282816(L)) bhala mandatarju tal-mara tieghu Walaa Almouja (Passaport Sirjan Nru: 011872679)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Hussein Suleymann (ID 282816(L)) bhala mandatarju tal-mara tieghu Alaa Almouja (Passaport Sirjan Nru: 011872679), datat 6 ta’ Ottubru 2017 fejn espona: -

Illi r-rikorrent Hussein Suleymann huwa mizzewweg lill-Alaa Almouja u nghata prokura verbali mill-istess sabiex jipprocedi b'din il-kawza.

Illi r-rikorrenti Alaa Almouja ilha minn dejjem tutilizza l-isem "Alaa", u dan kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh u trattazzjoni ta' dawn il-proceduri.

Illi wkoll l-isem "Alaa" huwa dak irregistrat fuq il-passaport Sirjan tar-rikorrenti. (Kopja fotostatika tal-parti rilevanti tal-passaport hawn immarkat bhala Dok A).

Illi pero`, meta l-istess rikorrenti mandatarju u r-rikorrenti rregistraw z-zwieg taghhom hawn Malta, fil-kolonna intestata Isem u Kunjom, isem il-mara gie imnizzel bhala "Walaa" u dan skont ma jirrizulta mill-anness Att ta' Zwieg immarkat bhala Dok B.

Illi ghalhekk jirrizulta li t-traskrizzjoni tal-isem tal-mara tar-rikorrenti mandatarju f’ dan l-att civili sar erronjament.

Illi dan l-izball qieghed jikkreja problemi serji ghall-mara tar-rikorrenti mandatarju hekk kif ukoll sejjer jigi amplifikat waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja d-debita pubblikazzjoni *a tenur* tal-artikolu 254 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara li l-mara tar-rikorrenti mandatarju hija maghrufa u tuza l-isem "Alaa" u mhux "Walaa" hekk kif gie mnizell fil-kolonna intestata Isem u Kunjom fl-att taz-zwieg relattiv.

2. Tordna d-debita korrezzjoni sabiex isem l-mara tar-rikorrenti mandataju jigi sostwit minn "Alaa" ghal "Walaa" u dan taht dawk il-provvedjmenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta’ Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 13 ta’ Novembru 2017 (fol 14) fejn l-Av. Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh u

dan abbazi tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi sussegwentement u bla pregudizzju ghas-suespost, huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li r-rikorrenti titlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li ghandu jidher bhala 'Hussein Suleymann (ID 282816(L)) bhala mandatarju tal-mara tieghu Walaa Almouja (Passaport Sirjan Nru: 011872679)' u mhux bhala 'Hussein Suleymann (ID 282816(L)) bhala mandatarju tal-mara tieghu Alaa Almouja (Passaport Sirjan ru: 011872679)', *stante* li l-isem ta' 'Alaa Almouja' ma jirrizultax mill-Att tat-Twelid li jgib in-numru 2828 tas-sena 2016;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tistqarr li hi mhix edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponenti umilment tirrileva li ma jirrizultax mill-Att ta' Twelid tar-rikorrenti, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2828 tas-sena 2016, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponenti;

5. Illi jidher li r-rikorrenti zzewget gewwa s-Syria, u s-Sur Hussein Suleymann peress li huwa gie naturalizzat bhala cittadin Malti *ai termini* tal-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta, hawn anness u mmarkat bhala Dok. DRP 2, kellu d-dritt li jirregistra l-Att taz-Zwieg esteru

gewwa Malta u dan abbazi **tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

6. Illi l-esponent irregistra l-att taz-zwieg tar-rikorrenti wara talba maghmula taht l-**Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, illi specifikatament jippermetti r-registrazzjoni ta' Atti Civili esteri gewwa Malta wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt mill-awtenticita' tal-Att inkwistjoni. Ghaldaqstant, l-esponent wara li gew forniti lilu d-dokumenti kollha mehtiega, *inter alia,* l-Att taz-Zwieg esteru u t-traduzzjoni tal-istess, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 3 u Dok. DRP 4', huwa ghadda sabiex jirregistra l-istess Att billi jnizzel fir-registrazzjoni *ad verbatim* l-informazzjoni misjuba fl-Att esteru. Dan ifisser illi *stante* li isem ir-rikorrenti fl-Att taz-Zwieg esteru kien imnizzel bhala 'Walaa', l-esponenti ma kellhiex ghazla hlief li tnizzel l-istess isem fl-Att taz-Zwieg mahrug mid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku;

7. Illi *stante* s-suespost, l-esponent ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza hija tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

8. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 23 ta' Novembru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Prezenti l-attur. Il-Qorti rat it-tieni (2) eccezzjoni, u fuq talba tal-attur ikkoregiet ir-rikors guramentat billi wara l-kelma "tieghu" jidhlu l-kliem "Walaa Almouja (Passaport Sirjan Nru: 011872679)". Dr Gatt prezenta nota bi tliet (3) affidavits u ghadda kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti, u ddikjara li m'ghandux aktar provi. Dr Ellul iddikjarat li tixtieq tirregola ruhha. Dr Gatt talab li l-kawza tkompli tinstema' bl-ikbar urgenza, billi mart l-attur hija mizmuma milli tigi Malta biex tirriunixxi ruhha ma' zewgha, *stante* li l-*visa* ghadha ma nhargitilhiex. Dr Ellul kellha sad-29 ta' Novembru 2017 sabiex tiddikjara jekk ghandhiex provi xi tressaq, u f'kaz li m'ghandhiex, il-Qorti thalli l-kawza ghas-sentenza ghall-5 ta' Dicembru 2017 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tal-5 ta' Dicembru 2017 fejn xehed bil-gurament it-traduttur Gismalla Adam Ahmet. Rat li l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghat-18 ta' Jannar 2018 izda l-Qorti rriservat li tirrikjama l-kawza ghas-sentenza wara li l-intimat jirregola ruhu dwar ix-xhieda tal-interpretu.

Rat in-nota tal-intimat tal-11 ta' Dicembru 2017 fejn gharaf li ma jarax il-htiega li jinhatar traduttur tal-lingwa Gharbija u ddikjara li m'ghandux provi ulterjuri.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta’ Dicembru 2017 fejn irrikjamat il-kawza ghas-sentenza ghal nhar it-Tlieta 19 ta' Dicembru 2017.

Rat ir-rikors tar-rikorrent datat 12 ta’ Dicembru 2017. Rat li ma hemmx opposizzjoni da parti tal-intimat. Billi gja ddisponiet mill-ewwel talba b'digriet tal-istess, wara li kkonsidrat li din il-kawza kienet qed tinstema' bl-urgenza, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba. Laqghet t-tieni talba u tqassar it-terminu ghall-appell ghall-jumejn mid-data tas-sentenza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** saret debitament fl-10 ta’ Ottubru 2017 (fol 13), u b’hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-registrazzjoni in mertu saret *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi li:

*"**244.** (1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270 (1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi t-tieni eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni tat-talba tar-rikorrenti awtorizzata b'digriet tat-23 ta' Novembru 2017 u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrent qed jitlob li jigi korrett l-Att taz-Zwieg tieghu fejn isem martu tnizzel erronjament bhala "Walaa", ghalhekk qed jitlob li dan l-isem jigi korret ghal "Alaa".

Ir-**rikorrent** xehed permezz ta' affidavit fejn ikkonferma li Alaa hija martu, hu ilu Malta mill-2001, u spjega s-sistema kif izzewgu, hu ta prokura lil huh biex jirregistra l-gherusija,

u sussegwentement setghu jirregistraw iz-zwieg. Spjega li qabbad lil Gizmalla Adam biex jaghmel traduzzjoni ta' dokument li rcieva minghand martu meta din harbet mis-Sirja. Hu esebixxa c-certifikat taz-zwieg bhala Dok D u t-traduzzjoni bhala Dok C. Semma li malli rcieva d-dokument innota li kien sar zball fl-isem tal-mara, u ghalhekk qed jiskontra diffikultajiet ghall-visa tal-mara tieghu li qed tistenna dan f'Istanbul.

**Mohammed Souliman** xehed permezz ta' affidavit u qal li huh u r-rikorrent u ilu joqghod Malta sa mill-1997. Semma li jiftakar li huh kien imur ta' spiss izur lil martu meta kien ghadu s-Sirja u hu jaf lill-familja taghha, u jaf li isimha dejjem kien Alaa.

**Rasem Alsoulaiman** xehed permezz ta' affidavit u qal li hu hu r-rikorrent u ilu jaf lil martu mindu kien zghir u jaf minn dejjem li isimha kien Alaa.

Kemm ir-rikorrent kif ukoll huh xehedu li l-isem Alaa u l-isem Walaa ghandhom tifsiriet differenti.

Illi din il-Qorti ordnat li din il-kawza tinstema bl-ikbar urgenza[1] billi l-intimata kienet mizmuma milli tinghaqad ma' zewgha minhabba l-problema riskontrata, mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk irrikjamat il-kawza ghas-sentenza fiz-zmien il-ferjat biex ma jkunx hemm dilungar inutli.

---

[1] Verbal 23 ta' Novembru 2017.

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott att ufficjali, redatt f'pajjiz iehor b'lingwa li mhijiex wahda fost dawk ufficjali ta' pajjizna, d-dettalji mnizzla fl-att registrat f'Malta jittiehdu minn traduzzjoni mahruga minn dak il-pajjiz. Ghalkemm din it-traduzzjoni hija wahda ufficjali, mhuwiex eskluz li mhijiex wahda akkurata kif proprju qed jigi asserit f'din il-kawza.

Illi mill-aspett ta' responsabbilta ghal xi zball, mhuwiex ikkontestat li d-Direttur qaghad fuq it-traduzzjoni fornita mir-rikorrent.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata.

Illi l-Qorti mhi xejn soddisfatta biex xhieda tat-traduttur Gismalla Adam Ahmed li inzerta li kien hu li ccertifika fl-ewwel sett ta' dokumenti li l-isem tar-rikorrenti huwa *Walaa* u hekk giet registrata, u sussegwentement iccertifika l-isem tradott bhala *Alaa*. Difatti kkonferma z-zewg traduzzjonijiet *viva voce*[2] meta xehed quddiem din il-Qorti u ma tax spjegazzjoni soddisfacjenti ghal din il-kontraddizzjoni.

Illi effettivament il-Qorti ma tistax toqghod fuq l-ebda wiehed minn dawn it-traduzzjonijiet ghal dak li jirrigwarda l-isem tar-rikorrenti. Madanakollu ma hemmx kontestazzjoni li fiz-zewg traduzzjonijiet il-konnotati l-ohra tar-rikorrenti huma identici u hemm zball biss fl-isem, fil-*prenom.*

---

[2] Seduta tal-5 ta' Dicembru 2017.

Proprjament id-diskrepanza hija fit-traduzzjoni ta' dan l-isem u mhux fir-redazzjoni originali fil-lingwa gharbija.

Izda anke mix-xhieda tar-rikorrent u ta' huh jirrizulta li hemm qbil li l-isem hu *Alaa* u mhux *Walaa*. Din ta' l-ahhar tirrikjedi pronunzjament differenti u difficli li ssir konfuzjoni bejn iz-zewg ismijiet kif mitkellma.

Illi f'dan l-isfond il-Qorti ikkonsidrat li t-traduzzjoni tal-isem fil-kelma *Alaa*  hija wkoll korroborata mill-passaport taghha, kif ukoll mill-affidavits esebiti fejn jinsab spjegat ukoll li l-isem *Alaa* ghandha tifsira differenti minn *Walaa* ghar-rikorrent *nomine* u l-gens tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti tqies li mill-assjem tal-provi prodotti li r-rikorrent irnexxilu jipprova dak minnu sostnut u ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet u tordna d-debita korrezzjoni.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-att taz-zwieg imputabbli lill-intimat , hekk kif jidher minn Dok   DRP 3 u Dok DRP 4 (l-att taz-zwieg esteru u t-traduzzjoni tieghu). Ghalhekk taqbel li l-intimat m'ghandux ibati  l-ispejjez  tal-kawza.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati fejn dawn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza, tiddisponi mit-talbiet billi tilqa' l-istess skont dan li gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem tar-rikorrenti hekk kif rapprezentata minn zewgha huwa "Alaa" u mhux "Walaa" hekk kif gie mnizell fil-kolonna intestata Isem u Kunjom fl-att taz-zwieg relattiv iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru progressiv elfejn, disa' mija u tmienja u erbghin tas-sena elfejn u sbatax (2948/17).

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li ssir il-korrezzjoni ordnata sabiex isem r-rikorrenti mart Hussein Suleymann jigi sostwit minn "Walaa" ghal "Alaa" fl-att taz-zwieg imsemmi kull fejn hu mehtieg.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja ta' sentenza ta' din il-Qorti skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**19 ta' Dicembru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**19 ta' Dicembru 2017**